# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija Burmarrad



Tel: 21573045/ mobile: 77622275 Fax:21578118
www.parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroċċaburmarrad.com
https://www.facebook.com/parroccaburmarrad



***LEĦEN IL-PARROĊĊA - Jannar 2015 - Nru. 382***




## Awguri lill-Familji kollha tal-Parroċċa tagħna fil-bidu tas-Sena 2015. Il-Mulej ikompli jixħet il-Barka Tiegħu fuqkom.

# Il-Kelma tal-Kappillan

Għeżież,

Fil-bidu ta' Sena Ġdida ejjew napprezzaw kemm jiswa ż-żmien. Il-Ktieb ta' Qoħelet jgħidilna kemm iż-żmien hu sabiħ u mprezzabbli, jekk nagħrfu ngħixuh tajjeb.

Għandna ħabta ngħixu ħajjitna moħħna mistrieħ li l-jum t'għada se jagħtina ċans inpattu għal dak li m'għamilniex illum. Imma jaħasra! Kemm ser indumu boloh!  L'għada nibqgħu naħsbu l-istess ħaġa. Sakemm iż-żmien jibqa' jgergeb u nispiċċaw qatt ma nagħmlu dak li ħsibna li se nagħmlu 'għada'. Imbagħad ħafna drabi jkun tard wisq.

Għeżież, il-ħajja tagħna hi ħafna qasira, għalhekk li għandek tagħmel agħmlu llum, anzi ISSA! Jista' jkun li din hi l-aħħar ġurnata li għandek iċ-ċans li tgħid u tagħmel ġesti sbieħ.

Ħadd minnha ma hu ċert x'ser jiġri għada, kemm jekk inkunu kbar fl-eta' u anke jekk inkunu żgħar fl-eta'. Flok tistenna l-jum ta' għada, għaliex ma tibdiex minn issa? Mela dak li għandek tagħmel agħmlu issa, għax għada jista' jkun tard wisq.
Fittex għid lin-nies li tħobb:   Inħobbok – Aħfirli – Grazzi – Napprezza.

U jekk għada ma jisbaħx għalik, jew għall-persuna li tħobb, ma jkollokx id-dispjaċir li m'għidtlilhiex l-affarijiet li xtaqt tgħidilha.
Issa hu l-mument li tgħix u tħobb. Għada ħadd ma rah!

Nawguralek u la tibżax!

Tkunu mberkin!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# Jiem tal - Kwaranturi fil - Parroċċa ta' Burmarrad.

## Mill - Ġimgħa 23 sal - Ħadd 25 ta' Jannar 2015.



**5.45pm Ruzarju u Barka**

**6.15pm Quddiesa bl-Omelija minn P. Christian Borg OFM Conv.**

# ĦAJJA U ĦIDMA - Jannar 2015

**Il-Ħamis 1: L-Ewwel Jum tas-Sena 2015**
Jum il-Paċi. Solennita' ta' Marija Omm Alla. Il-Quddies kollu jkun bħal tal-Ħdud. L-Ewwel Ħamis tax-xahar.

**Il-Ġimgħa 2: L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar.**
Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.

**Is-Sibt 3**: **L-Ewwel Sibt tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija. Fil-5.15pm tibda l-Adorazzjoni fil-Knisja. Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.

**Il-Ħadd 4** : **Solennita' tal-Epifanija tal-Mulej**. Jitħabbru fil-quddies il-festi kollha ta' matul is-Sena 2015. Fi tmiem il-quddiesa tat-8.30am jitħabbru r-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-Isbaħ Presepju, Bambin u Tiżjin fid-Dar, tal-Milied.

**It-Ħamis 8:** Fl-4.30pm – Tibda d-Duttrina għat-tfal. Ġenituri ibagħtu lil uliedkom.

**Il-Ħadd 11: Solennita' tal-Magħmudija tal-Mulej**.
Fl-10.30am Laqgħa tal-Gruppi Familji Nsara fiċ-Ċentru Parrokkjali.

**It-Ħamis 15:** Fid-9.30am – Coffee Morning fiċ-Ċentru Parrokkjali mill-Kumitat Festa. Ħallu isimkom fis-sagristija jew kellmu lill-helpers.

**Il-Ħadd 18: Jum l-Emigranti u r-Refuġjati**
Fis-6.15pm – Konċelebrazzjoni mill-Komunita' tagħna fl-okkażjoni tal-44 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa mmexxija mill-exKappillan P.Dumink Bonello ofm.Conv. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali 'Ħlewwa ta' Marija'.

**L-Erbgħa 21**: Wara l-quddiesa ssir il-Lectio Divina fil-Knisja. Inħeġġu għal aktar attendenza.

**Il-Ħamis 22:** Festa ta' San Publiju, Prinċep ta' Malta.

**Il-Ġimgħa 23, Is-Sibt 24, Il-Ħadd 25** **Jiem ta' Kwaranturi fil-Parroċċa** —- Ara programm sħieħ f'paġna 3

**Il-Ħadd 25:** Jum il-Lebbrużi. Nitolbu għalihom u għal kull min jieħu ħsiebhom. Festa tal-Konverżjoni tal-Appostlu Missierna San Pawl.

**Is-Sibt 24 u l-Ħadd 25**: Dan il-weekend issir il-ġabra b'risq il-Parroċċa tagħna. Grazzi tal-ġenerożita' tagħkom.

**It-Tlieta 27:** Fil-5.15pm – Tibda l-adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**Is-Sibt 31:** Fit-8.00pm – Ikla mill-Kumitat Festa. Dettalji jitħabbru fl-Avviżi ta' kull Ġimgħa.

*Mulej, agħmel li fil-ħajja ma nimxix b'dak li jogħġob l-għajn biss, għax nista' nkun mqarraq u nitlef ħafna ġid spiritwali.*



# Irridu nfiqu?!

San Martin ta' Tours kellu l-fama li jfejjaq lill-morda. Darba nxterdet ix-xniegħa li huwa kien ġej f'dawk l-inħawi. Malli t-tallaba semgħu b'din l-aħbar kollha għosfru.

Wieħed tallab li kien għadu ġdid f'dan ix-xogħol mar isib lil sħabu u qalilhom: "'Għalfejn ħrabtu? Ġej Martin.
Dak jista' jfejjaqna. Jista' jfejjaq lilek mill-għama tiegħek, jew lilek mill-paraliżi, jew lilek jiddrittalek idek..."
'Kemm għadek ma tifhem xejn', wieġbu l-aktar wieħed anzjan mit-tallaba. 'Jekk ifejjaqna, min se jagħtina aktar karita'!!

Ħafna nies jippreferu jibqgħu morda għax b'hekk se jsibu żgur lil xi ħadd li jitħassarhom.

Hija tassew ħasra li ħafna minnha ngħixu ħajjitna kollha nittalbu din l-istima mingħand affarijiet u mingħand nies li qatt ma jistgħu jagħtuna dak li qalbna tassew għandha bżonn. U hekk immutu bla ma qatt inkunu għexna...
Wieħed biss jista' jimla lil qalbna.

Hemm mezz wieħed kif tfiq mid-dwejjaq:
Tħobbx id-dwejjaq.
Ħalli lilU jitfa' fuqek il-mantar tal-hena.
Tgħid għalhekk iħobbna?



Darba mort għand familja ħbieb tiegħi. Michelle, it-tifla ż-żgħira laqgħetni kollha ferħana meta dħalt id-dar tagħhom u mill-ewwel xtaqet tlaqqagħni mal-ħbieb tagħha, il-pupi.

Daħħlitni fil-kamra tagħha u veru, kellha pupi ta' kull daqs u għamla, kollha lebsin sabiħ, kollha qegħdin f'posthom, kollha b'isimhom. 'Din Rita, din Maria, din Celine…' Kollha kienu sbieħ. Staqsejtha liema pupa tħobb l-aktar. U hi pronta pronta, ġabitli pupa mkissra, b'id waħda mimlija grif fuq wiċċha, imneħirha mċattar bid-daqqiet u b'libsa fqira. 'Din inħobb l-aktar', qalet konvinta. 'U għaliex tħobb lil din l-aktar?' saqsejtha skantat. Weġbitni fil-pront: 'Għax jekk ma nħobbhiex jiena, min se jħobbha lil din il-pupa?'.

U f'qalbi għidt: 'Tgħid Alla, għalhekk iħobbna



# Tajjeb Tkun Taf

❒ Prosit u grazzi lil kulħadd tal-organizzazzjoni li saret minn kull aspett fiż-żmien tal-Avvent u n-Novena u ż-żmien tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena.

❒ F'isem is-Sorijiet tal-Ursolini ta' Tas-Sliema, grazzi lil dawk kollha li taw il-preserves u ikel ieħor fi żmien l-Avvent, fejn dawn ġew offruti lilhom it-Tlieta 30 ta' Diċembru mill-grupp tat-tfal li ser jagħmlu l-Griżma din is-sena.

❒ Bejn it-18 u l-25 ta' Jannar il-Knisja tfakkar li hija l-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda tal-Insara.

❒ Is-Sena tal-Ħajja Kkonsagrata 2015 — Ġiet magħżula biex nirriflettu u napprezzaw aktar il-ħajja kkonsagrata. Fil-ħajja kkonsagrata wieħed jagħżel li jgħix it-tlett voti tal-Faqar, tal-Kastita' u tal-Ubbidjenza. J'Alla li matul din is-sena nitolbu għal dawk kollha li għażlu din it-Triq, biex tassew ikunu xhieda, biex b'ħajjithom ikomplu jaqdu lil Alla bl-imħabba u jaqdu l-proxxmu, xbieha t'Alla.

